MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Numru. 275/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**SENGUL MURAT**

**TAYEBI BEHZAD**

***OMISSIS***

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **SENGUL MURAT,** ta' dsatax (19)-il sena, bin Mohammed u Munira, imwieled Sur, Turkija fl-4 ta' April 1994, detentur tal-passaport numru U08529398 u minghajr indirizz fiss f'Malta u **TAYEBI BEHZAD,** ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Mahmoud u Maqsum, imwieled Tehreh, Iran fit-3 ta' Gunju, 1988, detentur tal-passaport numru Z 23113755 u minghajr indirizz fiss f'Malta, u **OMISSIS** gew mressqa quddiemha illum flimkien ma tielet persuna li kellha l-kawza taghha tidderifta ghal jum iehor u akkuzati talli:

Fl-10 ta' Marzu, 2014 kif ukoll fix-xhur ta' wara u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, iffalsifikaw dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom dikjarazzjoni tal-imputat Sengul Murat li ma xtaqx jikkonsulta ma' avukat Dok. "CSH1", Stqarrija tal-imputata Paniran Shiva Dok. "CSH2", stqarrija tal-imputat Tayeri Behzad Dok. "CSH3" stqarrija tal-imputat Sengul Murat Dok. "CSH4", *personal details form* tat-tliet imputati immarkati Dok. "CSH5", Dok. "CSH6" u Dok. "CSH7" rispettivament, fotokopja tal-passaport originali tat-tliet imputati li lkoll flimkien qed jigu mmarkati Dok. "CSH8", il-

visas allegatament foloz tal-imputati li qed jigu mmarkati llkoll flimkien Dok. “CSH9”, zewg rapporti mahruga mill-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija li qed jigu mmarkati Dok. “CSH10” u Dok. “CSH11” rispettivament, il-kunsens tal-Avukat Generali bil-lingwa Maltija Dok. “CSH12” u l-kunsens bil-lingwa Ingliza Dok. “CSH13”.

Semghet l-imputati jiddikjaraw li m’ghandhomx mezzi biex jinkarigaw avukat ta’ fiducja taghhom sabiex jassistihom f’dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Dorianne Vella bhala avukat ta’ l-ghajnuna legali li llum imiss it-turn sabiex tassisti lill-imputati.

Semghet lill-imputati jghidu li ma jafux bil-lingwa Ingliza u Maltija u ghalhekk talbu n-nomina ghall-assistenza ta’ nterpretu mil-lingwa Korda u Iranjana ghal-lingwa Maltija u l-Qorti innominat lil Mr Nezmi Houto Khalil sabiex jittraduci lill-imputat Tayeb Behzad mill-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vici-versa u lil Meryam Farshian sabiex tittraduci lill-imputat Sengul Murat mil-lingwa Maltija ghal dik Korda u vici versa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta’ Marzu 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni

taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta’ Marzu 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li dawn it-tip ta’ reati qed jikkrejaw perikolu fis-socjeta’ u li wasal iz-zmien sabiex il-Qorti tindirizza din il-problema li hija akuta u qed tinfirex fid-dinja kollha tant li llum ghandha hafna nies li qed ihallu pajjizhom bil-ghan li jfittxu hajja ahjar pero’ nel frattemp jiksru l-ligijiet internazzjonali u lokali. Illi ghalhekk wasal iz-zmien li l-Qorti taghti messagg lis-socjeta’ li dawk in-nies li ser ihallu pajjizhom minghajr id-dokumentazzjoni legali taghhom ser jaffrontaw il-gustizzja u jsibu id iebsa tistennihom, u dan bil-ghan li tali reat li qed issir komuni hafna jigi ndirizzat.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 32 (1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputati SENGUL MURAT u TAYEBI BEHZAD hatja tal-akkuzi kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront taghhom u tikkundannahom tlettax (13)-il xahar prigunerija effettivi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------